



Brussell, 1-10 ta' Lulju 2018  
Jannulla u jissostitwixxi l-avviż tas-  
27 ta' Frar 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAT-TRASPORT BIL-FERROVIJA

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ<sup>1</sup> li jstabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħu tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ")<sup>2</sup>. Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"<sup>3</sup>.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, il-partijiet ikkonċernati kollha huma mfakkra dwar ir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, b'seħħ mid-data tal-ħruġ ir-regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin fl-oqsma differenti tat-trasport bil-ferrovija:

#### 1. ĠESTJONI U UŻU TA' INFRASTRUTTURA FERROVJARJA

Skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea<sup>4</sup>, l-impriża ferrovjarja għandhom bżonn liċenzja sabiex jipprovdu servizzi tat-trasport bil-ferrovija: huma intitolati japplikaw għaliha fl-Istat Membru tal-UE fejn huma stabbiliti. Il-liċenzja hija valida fit-territorju kollu tal-Unjoni, dment li l-impriża tissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE. Mid-data tal-ħruġ, il-liċenzji maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE-27.

<sup>1</sup> Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

<sup>2</sup> Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

<sup>3</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

L-impriżi ferrovjarji li jkollhom liċenzja bħal din u li jixtiequ jkomplu joperaw fis-27 Stat Membru tal-UE, mid-data tal-ħruġ se jkollhom japplikaw għal liċenzja ġdida fi Stat Membru tal-UE-27 f'konformità mal-Kapitolu III tad-Direttiva 2012/34/UE.

L-impriżi ferrovjarji li jipprovdu servizzi transkonfinali bejn ir-Renju Unit u l-UE-27 u li jixtiequ jkomplu jipprovdu dawk is-servizzi wara d-data tal-ħruġ, għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti legali applikabbli kemm għall-UE-27, kif ukoll għar-Renju Unit. Dawk l-impriżi, għalhekk, se jeħtieġilhom jiżguraw li jkollhom liċenzja valida fl-UE-27 għat-taqsimiet tas-servizzi transkonfinali li jinsabu fit-territorju tal-UE-27. Skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, jeħtieġ li l-ewwel ikunu stabbiliti f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE-27 biex jiksbu l-liċenzja tal-UE-27.

## 2. SIGURTÀ FERROVJARJA

Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità<sup>5</sup>, l-aċċess għal infrastruttura ferrovjarja fl-Unjoni minn impriża ferrovjarja huwa soġġett għal ċertifikazzjoni tas-sigurtà maħruġa minn Stat Membru. Mid-data tal-ħruġ, iċ-ċertifikati tas-sigurtà maħruġa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva mhux se jibqgħu validi fl-UE-27. L-impriżi ferrovjarji li huma fil-pussess ta' ċertifikat bħal dan u li jridu jkomplu joperaw fl-UE-27 mid-data tal-ħruġ se jkunu meħtieġa japplikaw għal ċertifikat ġdid fi Stat Membru tal-UE-27<sup>6</sup> f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE.

Skont l-Artikolu 14a(4) tad-Direttiva 2004/49/KE, kull entità inkarigata mill-manutenzjoni (ECM - entity in charge of maintenance) ta' vaguni tal-merkanzija hija soġġetta għal rekwiżit ta' ċertifikazzjoni. Mid-data tal-ħruġ, iċ-ċertifikati maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-EU-27<sup>7</sup>. ECMs li huma fil-pussess ta' ċertifikat maħruġ mir-Renju Unit u jixtiequ jkomplu l-attivitàjiet professjonali tagħhom fl-Unjoni Ewropea se jkunu meħtieġa japplikaw għal ċertifikat fi Stat Membru tal-UE-27.

Barra minn hekk, mid-data tal-ħruġ, l-ECMs jistgħu japplikaw għal ċertifikat skont il-qafas legali tal-Konvenzjoni dwar it-trasport internazzjonali bil-ferrovija (COTIF), li tagħha huma parti<sup>8</sup> s-26 Stat Membru tal-UE b'sistema ferrovjarja<sup>9</sup>.

---

<sup>5</sup> Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

<sup>6</sup> B'mod iktar speċifiku, se jkollhom bżonn ċertifikat tas-sigurtà, parti A, maħruġ minn Stat Membru tal-UE-27 sabiex joperaw fl-UE u ċertifikati tas-sigurtà, parti B, minn kull wieħed mill-Istati Membri li joperaw minnhom.

<sup>7</sup> Dan jgħodd ukoll għal ċertifikati minn korpi ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni rikonoxxuti mir-Renju Unit jew akkreditati minn korp ta' akkreditament tar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 445/2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).

<sup>8</sup> Ara l-Artikolu 15(2) tal-Appendiċi G tal-COTIF u r-Regoli Uniformi stabbiliti f'konformità ma' dak l-Artikolu, fir-rigward ta' ċertifikazzjoni ECM fil-qafas COTIF. Għall-interazzjoni bejn iċ-ċertifikazzjonijiet ECM skont id-Direttiva 2004/49/KE u l-qafas COTIF, ara l-Artikolu 3a(5) tal-istess Appendiċi.

### 3. INTEROPERABILITÀ FERROVIARIA<sup>10</sup>

- It-tqegħid fis-suq ta' prodotti ferrovjarji koperti mid-Direttiva 2008/57/KE: Għal dawk il-prodotti, l-Ispesifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabilità tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli u jiddeterminaw jekk, għal kull waħda minnhom, hemmx il-ħtieġa ta' intervent minn parti terza (Korp Notifikat jew Korp Nominat) jew le. F'termini tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti bħal dawn, dan l-avviż għandu jinqara flimkien mal-avviż ġeneriku għal operaturi ekonomiċi soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-prodotti industrijali<sup>11</sup>, b'mod partikolari it-taqsim 2 ta' dak l-avviż ġeneriku dwar il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u l-Korpi Notifikati. Il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE stabbiliti fl-avviż ġeneriku japplikaw bis-sħiħ għaċ-ċertifikati maħruġa minn korpi notifikati (fil-każ ta' Korpi Notifikati) jew nominati (fil-każ ta' Korpi Nominati) mir-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem 'Korpi Notifikati/Korpi Nominati fir-Renju Unit'). Il-paragrafi li ġejjin jindirizzaw il-każijiet speċifiċi li jikkonċernaw it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-konstitwenti tal-interoperabilità u t-tqegħid fis-servizz ta' vetturi u sotto-sistemi.

- Tqegħid fis-suq u użu ta' kostitwenti tal-interoperabilità: Skont l-Artikoli 10 u 13(2) tad-Direttiva 2008/57/KE dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità<sup>12</sup>, it-tqegħid fis-suq ta' kostitwent tal-interoperabilità jista' jesiġi valutazzjoni tal-konformità/idoneità għall-użu stabbilita minn Korp Notifikat. Meta tkun meħtieġa valutazzjoni stabbilita minn Korp Notifikat, il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE stabbiliti fl-avviż ġeneriku dwar il-prodotti industrijali msemmija fil-paragrafu preċedenti japplikaw bis-sħiħ.

Kostitwent tal-interoperabilità li jkun tqiegħed fis-suq qabel id-data tal-ħruġ b'ċertifikat ta' konformità/idoneità għall-użu maħruġ minn Korp Notifikat fir-Renju Unit jista' jintuża, sakemm ikunu għadhom validi ċ-ċertifikati ta' konformità/indoneità għall-użu, f'sotto-sistemi jew vetturi li t-tqegħid fis-servizz tagħhom ġie awtorizzat qabel id-data tal-ħruġ.

- Tqegħid fis-servizz ta' vetturi u sotto-sistemi: Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/57/KE, qabel tintuża fuq netwerk, vettura ferrovjarja għandha tiġi awtorizzata biex titqiegħed fis-servizz mill-awtorità nazzjonali tas-sigurtà li tkun kompetenti għal dak in-netwerk f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz ta' vetturi skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/57/KE mogħtija fl-UE-27 qabel id-data tal-ħruġ se jibqgħu validi wara d-data tal-ħruġ anki jekk ikunu ġew awtorizzati abbażi ta' ċertifikati ta'

---

<sup>9</sup> Malta u Ċipru ma għandhomx sistema ferrovjarja.

<sup>10</sup> Il-prinċipji stabbiliti f'din it-taqsim se japplikaw ukoll fil-qafas tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni) (ĠU L 138, 26.5.2016, p.44) meta d-dispożizzjonijiet rilevanti jsiru applikabbli fl-Istati Membri tal-UE rispettivi.

<sup>11</sup> [https://ec.europa.eu/growth/single-market/goods\\_en](https://ec.europa.eu/growth/single-market/goods_en).

<sup>12</sup> Id-Direttiva 2008/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

verifika maħruġa minn Korpi Notifikati/Korpi Nominati fir-Renju Unit. L-istess japplika għal awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz ta' sotto-sistemi skont l-Artikoli 15 u 20 tad-Direttiva 2008/57/KE. Madankollu, mid-data tal-ħruġ l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq skont l-Artikoli 15, 20 u 21 tad-Direttiva 2008/57/KE għandhom ikunu bbażati fuq ċertifikati ta' verifika maħruġa minn Korpi Notifikati/Korpi Nominati fl-UE-27.

Mid-data tal-ħruġ, l-użu ta' materjal ferrovjarju awtorizzat fir-Renju Unit fit-traffiku internazzjonali fl-UE se jiġi rregolat mill-COTIF, u b'mod partikolari mill-Appendiċi G<sup>13</sup> u F<sup>14</sup> tagħha.

#### 4. ĊERTIFIKAZZJONI TA' SEWWIEQ TAL-FERROVIJI

- Id-Direttiva 2007/59/KE<sup>15</sup> tistabilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Unjoni. B'mod partikolari, dik id-Direttiva tirrikjedi li sewwieq tal-ferrovija jkseb liċenzja speċifika u ċertifikat speċifiku. Il-liċenzja tinħareġ mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru filwaqt li ċ-ċertifikat jinħareġ mill-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura. Skont l-Artikolu 7, liċenzja maħruġa minn Stat Membru hija valida fit-territorju kollu tal-Unjoni filwaqt li ċ-ċertifikat huwa validu biss fuq daww l-infrastrutturi u t-tagħmir mobbli identifikati fuqu. Mid-data tal-ħruġ, il-liċenzji u ċ-ċertifikati għas-sewwieqa tal-ferroviji maħruġa fir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE-27.
- Is-sewwieqa tal-ferroviji b'liċenzja/ċertifikat maħruġ fir-Renju Unit u li jaħdmu fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex jiksbu dokumenti ta' ċertifikazzjoni validi fl-UE-27 mid-data tal-ħruġ. Għalhekk, impiżi ferrovjarji jew maniġers tal-infrastruttura fl-UE li jħaddmu sewwieqa tal-ferroviji b'dokumenti ta' ċertifikazzjoni maħruġa fir-Renju Unit huma mistiedna jinformat lil dawn il-persuni li mid-data tal-ħruġ jeħtieġilhom jiksbu dokumenti ta' ċertifikazzjoni ġodda validi fl-UE-27.
- L-impiżi ferrovjarji li jipprovdu servizzi transkonfinali bejn ir-Renju Unit u l-UE-27 u li jixtiequ jkomplu wara d-data tal-ħruġ, se jeħtieġilhom jiżguraw li s-sewwieqa fit-taqsimiet ta' daww is-servizzi transkonfinali li jinsabu fit-territorju tal-UE-27 jkollhom il-liċenzji/ċertifikati meħtieġa maħruġa fl-UE-27.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-trasport bil-ferrovija ([https://ec.europa.eu/transport/modes/rail\\_en](https://ec.europa.eu/transport/modes/rail_en)) jipprovdi informazzjoni ġenerali li

<sup>13</sup> “Regoli uniformi li jirrigwardaw l-ammissjoni teknika ta' materjal tal-ferroviji użat fit-traffiku internazzjonali”. Għall-interazzjoni bejn awtorizzazzjonijiet tal-vetturi skont id-Direttiva 2008/57/KE u skont il-qafas COTIF, ara l-Artikolu 3a tal-Appendiċi G tal-COTIF.

<sup>14</sup> “Regoli Uniformi li jirrigwardaw il-validazzjoni ta' standards tekniċi u l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi applikabbli għall-materjal tal-ferroviji bl-intenzjoni li jintużaw mit-traffiku internazzjonali”.

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità, ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51.

tikkonċerna r-regoli għat-trasport bil-ferrovija fl-Unjoni. Dawk il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport